Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2003

Numru 594/2003

**Il-Pulizija
(Sp. Carmelo Magri)**

**vs**

**Manuela Hoelz ta' 18 sena, bint Ulrich
u Janet nee Bulmar, mwielda fil-Germanja,
fit-13 ta' Settembru, 1984 u
toqghod fil-fond 'Charmar', 32, Triq Atocia, Hamrun,
detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru
7073013478**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Manuela Hoelz li giet akkuzata talli fit-2 ta' Lulju, 2003 ghall-habta tad-9.00 ta' filghodu u/jew granet ta' wara din id-data kkommettiet serq ta' apparat tal-iscuba diving mill-istabiliment bl-isem 'Fun and Adventure sitwat fis-San Antonio Mercurie Hotel' ta' Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar ghad-dannu ta' Regis Mette minn Tas-Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bil-persuna.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-istess Mette Regis, liema hsara teccedi l-ghaxar liri Maltin (Lm 10) izda ma teccedix il-hamsin lira Maltin (Lm 50).

Semghet l-ammissjoni wara nake li l-akkuzata nghatat iz-zmien li tahseb dwar l-istess.

Rat il-verbal tad-Difiza spjecjalment fejn si tratta ghall-hlas ta' danni li jistghu talvolta gew ikkagunati lill-apparat misruq, kif ukoll li l-imputata fil-gejjieni qarib se tizzewweg lil Meilton, cittadin Malti u li dan is-serq sar biex jigi skontat kreditu konsistenti f'paga ta' Lm 125.

Rat ukoll li r-res furtive giet fit-totalita' taghha irkuprata.

Rat ukoll l-istqarrija ta' l-istess Manuela Hoelz.

Tilliberaha bil-kundizzjoni li taghmilx reat iehor fi zmien tliet snin wara li rat l-Art 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-import tas-sentenza lill-istess akkuzata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------